**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 9 ta' Jannar, 2017**

Kawza Numru: 280/2016JB

Numru: 4

**Joseph Conti (K.I.: 634753M) f'ismu proprju**
**u bhala ezekutur testamentarju tad-defunt Carmelo Conti**

***vs***

**John Cassar (K.I.: 478652M)**

It-Tribunal,

Ra t-talba prezentata nhar is-26 ta' Lulju 2016 fejn ghar-ragunijiet hemm premessi, l-Attur talab li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' disa' mitt euro (€900) liema somma tirraprezenta prezz ta' oggetti li kienu kienu jappartjenu lill-eredita ta' Carmelo Conti u li nbieghu u gew konsenjati lill-Konvenut. Talab ukoll l-ispejjez u l-imghaxijiet;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tad-19 ta' Settembru 2016 (a fol 10)

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ra li l-Konvenut, debitament notifikat, ma ressaq ebda risposta izda deher ghas-seduta tal-lum;

Ra l-verbal tas-seduta tal-lum fejn id-difensur tal-Attur iddikjara li kemm-il darba jkun hemm ammissjoni, il-patrocinat tieghu ma jinsistix ghall-imghax;

Sema' l-ammissjoni tal-Konvenut;

Ikkunsidra;

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) jipprovdi espressament fl-Art. 9(2)(a) li gudikatur "*għandu jiżgura li każ għandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigħ tiegħu u li dak is-smigħ ma jtulx iktar minn seduta waħda*". Tali dispozizzjoni naturalment mghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali;

Illi quddiem l-ammissjoni tal-Konvenut, huwa car li t-talba Attrici tisthoqq li tigi milqugha hekk kif dedotta;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi, fuq l-ammissjoni tal-Konvenut, jilqa' t-Talba Attrici u jikkundanna lill-Konvenut thallas lill-Atturi, proprju u fil-kwalita tieghu premessa, is-somma ta' €900, minghajr imghax. L-ispejjez ikunu a karigu tal-Konvenuta.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Adrian Pace
*Deputat Reġistratur*